MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 158/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Busuttil talli fis-27 ta' Frar ghall-habta tal-5:00 p.m., fi Triq Kanun, Sta. Venera u f'Marsa By-Pass, Marsa:

(1) saq vettura nru. ABM – 847 b'manjiera traskurata;
(2) qal kliem oxxen jew kliem indecenti fil-pubbliku;
(3) rema', tefa' jew xort'ohra iddepozita (borza tal-plastic mimlija b'xi ikel) f'post, gewwa post, jew minn xi post fil-berah li l-pubbliku ghandu d-dritt jew jista' jidhol fih minghajr hlas u halla xi haga tkun li tkun f'cirkostanzi tali li

tikkaguna, tikkontribwixxi, jew li tista’ twassal ghat-tkerrieh ta’ l-imsemmi post biz-zibel u skart.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-appellant (allura imputat) jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta’ Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Joseph Busuttil hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu u sabitu hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal xahar detenzjoni u skwalifikatu mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal sitt ( 6 ) xhur mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John Caruana pprezentat fis-16 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla u thassar is-sentenza appellata u tibghat dawn il-proceduri lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex terga’ tinstema’ mill-gdid quddiem dik l-ewwel Qorti jew tvarja u tbiddel is-sentenza appellata billi, minflok issibu hati ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, tilliberah minnhom, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li lliberatu mit-tieni imputazzjoni migjuba kontrieh, jew f’kaz li dina l-Qorti ssibu hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, tigi varjata w mibdula l-piena mposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju li qieghed jigi ttrattat permezz ta' din is-sentenza jirrigwarda l-htiega tal-prezenza ta' l-imputat waqt proceduri kriminali migjuba kontra tieghu.

L-appellant jispjega fir-rikors ta' appell tieghu li meta ssejhet il-kawza quddiem l-ewwel Qorti huwa deher mad-Dottoressa Marion Camilleri li talbet differiment peress li l-avukat ta' fiducja tieghu, Dott. Noel Camilleri, kien

indispost. L-avukatessa ta' Anthony Busuttil, imputat f'kawza ohra li kienet sejra tinstema' kontestwalment ma' dik kontra l-appellant, opponiet ghat-talba u l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghal differiment u ddecidiet li l-kawza ghandha tinstema', nonostante li Dott. Marion Camilleri nfurmat lil dik il-Qorti li l-appellant kien biss klijent ta' l-ufficcju fejn kienet ghadha kemm bdiet tahdem u la kienet tafu u lanqas kienet taf il-fatti tal-kaz. L-appellant ikompli jghid li wara li mill-gdid intalab differiment u ghal darb'ohra din it-talba giet rifjutata, Dott. Camilleri talbet permess lill-Qorti biex hi flimkien ma' l-appellant jillargaw ghal xi hin mill-awla sabiex tkun tista' ssir konsulta bejniethom. Ghalkemm din it-talba ntlaqghet, l-appellant isostni li minflok ma l-ewwel Qorti ssospendiet is-smiegh tal-kawza ghal ftit hin sakemm l-appellant u Dott. Camilleri kienu barra mill-awla, l-ewwel Qorti kompliet bis-smiegh tax-xhieda fl-assenza taghhom u b'hekk la semghu x'kien intqal minn wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u lanqas ma kellhom ic-cans li jaghmlu kontro-ezami.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Mohnani** deciz fit-28 ta' April 1993: "… l-verbali ta' Qorti ohra …. ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu *prima facie* sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball."

Il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2005 jghid testwalment hekk:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-Ispettur J. Hersey ghall-Prosekuzzjoni u l-imputat assistit minn Dr. Marion Camilleri li talbet differiment peress illi l-avukat difensur propju, cioe` Dr. Noel Camilleri, jinsab indispost. Dehru l-parte civile assistiti minn Dr. Veronica Galea Debono li nsistiet li l-kawza ssir illum anke peress illi l-imputat huwa assistit minn Dr. Marion Camilleri.

Il-Qorti tichad it-talba ghal differiment u tipposponi l-kawza sabiex Dr. Marion Camilleri tirregola ruhha.

Meta regghet issejhet il-kawza deher l-imputat assistit minn Dr. Marion Camilleri.

Xehed P.S. 768.
Xehed P.S. 359.
Xehdet Josefa Camilleri.
Xehed Anthony Busuttil.

Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Xehed l-akkuzat.

Saret it-trattazzjoni.

Kawza deciza."

Dan il-verbal jindika li l-procedura adottata mill-ewwel Qorti kienet wahda korretta. Izda quddiem din il-Qorti xehdet Dott. Marion Camilleri li, bir-responsabbilta` kollha taghha bhala avukat iddikjarat li wara li harget mill-awla ma' l-appellant sabiex tikkonsulta ruhha mieghu, meta dahlu lura fl-awla sabu li wiehed mix-xiehda tal-prosekuzzjoni, u cioe` ufficjal tal-pulizija, kien niezel minn fuq il-pedana tax-xhieda. Dak il-hin hija ma qalet xejn dwar dan hlief li kompliet tassisti lill-appellant ghall-kumplament tal-kawza, dan, bhalma tistqarr hi stess, minhabba l-inesperjenza taghha.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni biex b'xi mod tiddubita minn dak li xehdet Dott. Camilleri. Jista' jaghti l-kaz li l-ewwel Qorti giet zvijata minhabba l-fatt li din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra kontra certu Anthony Busuttil u setghet ma nnotatx l-assenza temporaneja mill-awla ta' l-appellant u Dott. Camilleri.

Il-prezenza ta' imputat jew akkuzat hija essenzjali fi proceduri kriminali, salv f'dawk is-sitwazzjonijiet li tipprovdi ghalihom il-ligi stess[1]. Il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 375 tal-Kap. 9 effettivament jipprovdi li "l-imputat ghandu jidher

[1] Artikolu 405(4) u artikolu 524 tal-Kap. 9

huwa nnifsu. Izda hu jista' jkun assistit minn avukati jew prokuraturi legali." Ghalhekk fil-kaz in ezami s-smiegh tax-xhieda kollha kellu jsir fil-prezenza ta' l-appellant.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-ewwel aggravju ta' l-appellant qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tannulla s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet u specjalment lill-appellant mill-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza terga' tinstema' mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------